**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 510/2019 AGV;**

**AB (ID nru: 555383 M)**
**Vs**
**CD E (ID nru: 475984 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 7 ta' Novembru 2019, fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 21 ta' Gunju tas-sena 2013 fil-Parrocca ta' San Nikola ta' Bari Siggiewi, u dan skont certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala dok A.
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mill- 11 ta' Mejju tas-sena 2016, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, hawn anness bhala Dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Novembru tas-sena 2015 u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin;
5. Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16, tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar il- 21 ta' Gunju 2013;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata, debitament notifikata, naqset milli tippresenta risposta.

Rat l-affidavits tal-partijiet, datati 28 ta' Jannar 2020, fejn iddikjaraw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin, li ma hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni, u li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovuti.

Rat illi, ghalhekk, ir-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju kienu jissussistu.

Rat illi l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.
Tiddikjara l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar il- 21 ta' Gunju 2013;
Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**